**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 17
Rik. Gur. Nru. 441/11 JZM**

**Billboard Advertising Limited
(C27899)**

***kontra***

**Stefan Vassallo (ID 320966M)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat bil-procedura sommarja specjali fl-4 ta` Mejju 2011 li jaqra :-

*1. Illi s-socjeta` attrici ezegwiet xogholijiet ta` billboards u prints favur il-konvenut fuq inkarigu tieghu stess ;*

*2. Illi l-prezz ta` dawn ix-xogholijiet jammonta ghal tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18.147.70) u dan kif jirrizulta mill-istatement li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok BA1 u kif ukoll*

*mill-invoices relattivi li qed jig hawn annessi u mmarkati bhala Dok BA2 sa Dok BA51 ;*

*3. Illi ghalkemm debitament interpellat, anke permezz ta` ittra ufficjali ezekuttiva datata 25 ta` Settembru 2009, sabiex ihallas dan l-ammont, il-konvenut baqa` inadempjenti u ma hallas xejn (kopja ta` l-ittra ufficjali ezekuttiva qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok BA52 ;*

*4. Illi permezz ta` nota ta` kontestazzjoni prezentata mill-konvenut nhar is-16 ta` Ottubru 2009 (kopja ta` liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok BA53) il-konvenut irrespinga t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ;*

*5. Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18.147.70) rapprezentanti l-prezz ta` xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess ;*

*6. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, stante illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenut m`ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici ;*

*7. Illi dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.*

*Ghaldaqstant ighid ghalhekk l-istess konvenut l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta) :*

*1. Tiddeciedi dan ir-rikors skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18.147.70) rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut ghal xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess ;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta`*

*tmintax-il elf mija u sebgha u erbghin Ewro u sebghin centezmu (€18.147.70) rapprezentanti l-ammont dovut mill-konvenut ghal xogholijiet ta` billboards u prints illi s-socjeta` attrici kkonsenjat lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess ;*

*Blk-ispejjez inkluz tal-prezenti u tal-ittra ufficjali ezekuttiva tal-25 ta` Settembru 2009, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta` attrici u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi l-konvenut kien notifikat fit-23 ta` Mejju 2011 (tergo ta` fol 63).

Rat illi fl-udjenza tad-9 ta` Gunju 2011, meta ssejjah, il-konvenut ma deherx. Ghalhekk il-kawza kienet deciza.

Rat illi fit-30 ta` Gunju 2011, il-konvenut ipprezenta rikors ta` appell minn din is-sentenza.

Rat illi l-appell tal-konvenut kien trattat quddiem il-Qorti tal-Appell fl-udjenza tad-9 ta` Dicembru 2014 u kien deciz fis-6 ta` Frar 2015.

Rat illi ghar-ragunijiet li ssemmew fis-sentenza, il-Qorti tal-Appell laqghet l-appell, irrevokat is-sentenza appellata, ordnat li l-atti jergghu jintbaghtu quddiem din il-Qorti sabiex il-konvenut jinghata zmien biex jipprezenta risposta guramentata u biex il-kawza tinstema` skond il-ligi. L-ispejjez tal-appell kienu akkollati kollha lill-konvenut.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fit-<u>12 ta` Mejju 2015</u> li taqra hekk :-

*1. Qabel xejn l-attrici jehtieg illi ticcara t-talbiet taghha fis-sens illi ghalkemm hija qieghda titlob hlas ghal "xogholijiet ta` billboards u prints" jidher mid-dokumentazzjoni ezebita minnha stess illi t-talba hija wkoll ghall-kera tal-istess billboards ;*

*2. Illi safejn t-talba tirreferi ghal "xogholijiet ta` billboards u prints" qed tigi eccepita l-preskrizzjoni ta` tmintax-il xahar ai termini tal-Artiklu 2148(a)*

*tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*3. Illi jekk u safejn it-talba tinkludi ammonti allegatament dovuti ghal kiri ta` billboards qed tigi eccepita l-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2148(f) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*4. Fil-mertu, l-eccipjenti jsostni illi ma ghandu jhallas xejn mill-ammonti pretizi minhabba li x-xoghol ta` printing ta` billboards ma kienx skont is-sengha u l-arti ;*

*5. Illi kemm hu hekk, kif se jintwera fil-mori tal-proceduri, l-eccipjenti tilef diversi ordnijiet u klijenti u spicca sofra danni li jeccedu l-ammont mitlub mill-attrici ;*

*Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mil-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti li kienet prezentata mar-risposta guramentata u l-lista tax-xhieda li ndikati mill-konvenut.

Semghet lid-difensur tas-socjeta` attrici jiddikjara fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2015 illi riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont pretiz kien jikkomprendi kera ta` billboards.

**Rat illi fl-istess udjenza, tat direzzjoni lill-partijiet sabiex jaghmlu l-prova, u jittrattaw it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.**

Rat in-nota b`dokument li pprezentat is-socjeta` attrici fl-10 ta` Gunju 2015.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2016 il-konvenut iddikjara li ma kellux aktar provi xi jressaq dwar it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet.

Semghet ix-xiehda ta` Andre` Borg fl-istess udjenza.

Rat illi fl-istess udjenza s-socjeta` attrici ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Rat illi fl-istess udjenza l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet skond termini stabbiliti.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**Id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut** taqra hekk :-

*1.1 Illi l-eccipjenti Stefan Vassallo kien jahdem fil-qasam tal-marketing u fost l-ohrajn kien jitqabbad minn diversi klijenti sabiex jorganizza kampanji ta` reklamar inkluz permezz ta` posters fuq billboards ;*

*1.2 L-eccipjenti gieli kera billboards minghand l-attrici Billboard Advertising Limited u kien jinkarigahom ukoll sabiex jiehdu hsieb il-printing tal-posters fuq il-billboards imsemmija ;*

*1.3 Illi f`dan ir-rigward l-attrici ghandha ticcara t-talbiet taghha fis-sens li ghalkemm hija qieghed titlob hlas "ghal xogholijiet ta` billboards u prints" jidher fil-fatt illi parti mit-talba tirreferi ghal kera tal-istess billboards ;*

*2.1 Illi safejn it-talba tirreferi ghal "xogholijiet ta` billboards u prints" qed tigi eccepita l-preskrizzjoni ta` tmintax-il xahar ai termini tal-Artiklu 2148(a) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta) ;*

*3.1 Illi jekk u safejn it-talba tinkludi ammonti dovuti f`kera ta` billboards qed tigi eccepita wkoll il-preskrizzjoni ta` tmintax-il xahar ai termini tal-Artiklu 2148(f) tal-Kodici Civili ;*

*4.1 Illi fil-mertu l-eccipjenti jsostni illi ma ghandu jhallas xejn mill-ammonti pretizi minhabba li x-xoghol ta` printing ta` billborads li sar mill-attrici*

*ma kienx skont is-sengha u l-arti ;*

*4.2 Illi x-xoghol ta` printing tant naqas fil-kwalita` illi l-eccipjenti beda jkollu lmenti regolari minghand il-klijienti tieghu u sahansitra spicca nvolut f`kawza l-Qorti rigward kamnpanja tal-Bank HSBC li marret hazin minhabba l-kwalita` skadenti tal-billboards ;*

*4.3 Bhala konsegwenza l-eccipjenti tilef diversi klijenti b`eluf ta` Euro f`introjtu ;*

*4.4 F`dan ir-rigward issir riferenza ghal Dok SV1 li ga jinsab in atti u ssir umilment riserva li jitressqu aktar provi dwar dan fil-mori tal-proceduri ;*

*4.5 L-eccipjenti Vassallo kemm –il darba lmenta mal-attrici dwar in-nuqqasijiet u ghamilha cara li mhux ser ihallas l-ammonti pretizi, ghax ma jhossx illi ghandu jhallas ta` xoghol hazin ;*

*5.1 F`dan ir-rigward l-eccipjenti jzid ighid illi b`konsegwenza tax-xoghol hazin tal-attrici huwa sofra danni li jeccedu bil-bosta l-ammont mitlub mill-attrici u, f`dan ir-rigward, jirriserva kwalunkwe dritt jew rimedju li huwa jista` jkollu ;*

*6.1 Inoltre ai termini tal-artikolu 158(3(c) tal-Kap 12 jigi dikjarat illi fid-dawl tas-suespost il-fatti dikjarati mir-rikorrenti huma kontestati u jehtieg illi jigu ppruvati.*

**Andre` Borg** – direttur manigerjali tas-socjeta` attrici – ikkonferma l-kontenut tad-dokument a fol 14 u 15 tal-process. Il-kont tax-xoghol li kien isir ghall-konvenut kien johrog fl-ahhar tax-xahar. Ir-relazzjoni ta` xoghol bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut baqghet ghaddejja madwar tliet snin. Kull hlas li kien jaghmel il-konvenut ma kienx ghal invoice wahda izda kien hallas akkont. Gara li l-konvenut kellu problemi ta` cashflow u waqaf ihallas fl-2008. Infatti fl-2008 il-konvenut hallas bi tliet cheques ta` €1,000 kull wiehed izda kienu *referred to drawer*. Ghalkemm ic-cheques ma kienux onorati, il-konvenut baqa` jghidlu li kien ser ihallas. Izda in segwitu ma bediex iwiegeb it-telephone.

Ikkonferma li kull meta nqalghet problema dwar il-kwalita` tax-xoghol, huma kienu jibdlu l-prodott bla ma jghabbu lill-konvenut bi spejjez zejda.

Stqarr illi meta l-konvenut ma kompliex ihallas, irrefera l-kwistjoni lill-avukat tieghu. Ikkonferma li kienet prezentata ittra ufficjali fil-25 ta` Settembru 2009 (fol 57) li ghaliha l-konvenut wiegeb fis-16 ta` Ottubru 2009 (fol 58).

Fil-**kontroezami**, Andre` Borg ikkonferma illi ghal kull bicca xoghol li kienet issir ghall-konvenut kienet tohrog invoice. Ma kenitx tohrog invoice generika li tkopri aktar minn bicca xoghol wahda.

Kompla xehed illi d-diffikulta` li nqalghet mal-konvenut kienet dwar billboard tal-HSBC. Ix-xoghol hareg hazin mhux tort tas-socjeta` attrici izda tort ta` kumpannija ta` reklamar li llum ghalqet. Fil-fatt is-socjeta` attrici kienet ghadha sal-lum taghmel xoghol ghall-HSBC.

Ix-xhud ikkonferma li l-konvenut kien ilmenta dwar allegat xoghol hazin relattiv ghal billboard tat-Toyota. Il-kwistjoni mat-Toyota pero` ma kenitx kwistjoni ta` xoghol hazin izda d-ditta li tirrapprezenta t-Toyota go Malta ppretendiet li ma thallas xejn ghaliex il-billboard bix-xoghol mieghu tqieghed fuq art taghha.

Stqarr illi c-cheques li semma fl-ezami kienu *post-dated.* Ma kienux onorati mill-bank meta kienu prezentati biex jissarrfu fid-data taghhom.

## III. Konsiderazzjonijiet

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe"** kien ritenut illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila"** - Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri vs Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani noe**" il-Qorti qalet –

"*Illi min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f'posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja vs Vella**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001). Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

## 1) **It-tieni eccezzjoni**

**L-Art 2148 tal-Kap.16** ighid liema azzjonijiet jaqghu bi preskrizzjoni ta` tmintax (18)–il xahar.

Bit-tieni eccezzjoni, il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-**Art 2148(a) tal-Kap 16**. Il-paragrafu (a) jirreferi ghall-*azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu.*

Fis-sentenza taghha tat-18 ta` Mejju 1929 fil-kawza "**Tommaso Pace noe vs Salvatore Muscat**" (Kollez. Vol. XXVII.I.1013) il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tirreferi ghal dak li llum huwa l-Art 2148(a) tal-Kap 16. Tghid :-

"*… la disposizione dell'articolo 1912 dell'Ordinanza No. VII del 1868 secondo la quale si prescrivono col decorso di diciotto mesi le azioni dei sarti, calzolai, falegnami ed altre persone esercenti mestieri ed arti mecchaniche per prezzo delle loro opere, dei loro lavori e delle cose che somministrano,* ***non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le***

***opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti*** *… poiche' la disposizione dell'articolo 1912 si riferisce a crediti di artefici che prestano la loro opera …"* (sottolinear u enfasi ta` din il-Qorti).

Anke l-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tal-14 ta` Ottubru 1954 fil-kawza "**Joseph Mizzi noe vs Joseph Delicata pro et noe**" (Kollez. Vol. XXXVIII.III.710) tirreferi ghall-Art 2148(a) tal-Kap 16 tal-lum u tghid :-

*" … skond l-art. 2253(a) jaqghu bil-preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax -il xahar 'l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu senghajew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu' ;* ***id-dispozizzjoni … tirreferixxi ruhha ghal lokazzjoni ta' opera, li biha l-persuni fuq enumerati jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix- xoghol, imma l-prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d'opera tkun konnessa ma' organizazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lill-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali****.' ;"* (sottolinear u enfasi ta` din il-Qorti).

(ara wkoll :- "**Borg vs Testaferrata Bonnici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958 – Kollez. Vol. XLII.I.153 ; "**Emanuel Calleja vs Anthony Portelli noe**" - Qorti tal-Kummerc – 29 ta` Novembru 1971 ; "**Muscat vs Tabone**" – Qorti tal-Appell – 18 ta` Frar 1963 – Kollez. Vol. XLVII.I.102 ; "**Bonello noe vs Xuereb et noe**" - Qorti tal-Kummerc – 19 ta` Novembru 1974 ; "**Paul Debono vs Salvu Debono**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Langdale Limited et vs Jon David Limited**" - Qorti ta' l-Appell Inferjuri – 3 ta` Novembru 2004 ; "**Noel Sultana vs Andrew Mercieca**" – Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) – 19 ta` Ottubru 2011 ; "**Christian Xerri vs Paul Caruana**" – Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) – 28 ta` Novembru 2012 ; u "**Heathcliff Cilia vs Martin Farrugia**" - Qorti tal-Magistrati (Malta) - 18 ta` Frar 2013)

Irrizulta li l-konvenut kien jitqabbad minn klijenti sabiex jorganizza kampanji ta` reklamar inkluz permezz ta` posters fuq billboards. Irrizulta li l-konvenut kien jinkarika lis-socjeta` attrici sabiex tiehu hsieb il-printing tal-posters u l-istallazzjoni tal-posters fuq billboards taghha. Is-socjeta` attrici taccetta li hekk kien il-ftehim mal-konvenut.

Fil-kors tal-kawza, il-konvenut talab lis-socjeta` attrici sabiex tindika l-prezz tax-xoghol tal-printing tal-posters u l-prezz tal-kera tal-billboards. Hekk ghamlet is-socjeta` attrici fid-dokument a fol 14 u 15 tal-process, fejn incidentalment indikat ukoll il-prezz tal-istallazzjoni.

Ghalkemm irrizulta li ghal kull bicca li kienet ssir mis-socjeta` attrici fuq inkariku tal-konvenut, kienet tohrog invoice, meta l-konvenut kien jaghmel pagament, kien ikun akkont tal-pendenzi mhux biex tinqata` invoice partikolari.

Kemm mill-ghadd tal-invoices presentati bhala prova mis-socjeta` attrici, kif ukoll mid-dokument a fol 14 u 15 tal-process, jirrizulta li n-negozju bejn il-partijiet kien ikopri s-snin ta` bejn l-2004 u l-2008.

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi ghalkemm jirrizulta ippruvat illi prattikament kien biss fl-2008 li n-negozju bejn il-partijiet kien limitat ghall-kiri tal-billboards, jirrizulta ppruvat ukoll illi fis-snin kollha ta` qabel, l-inkariku tas-socjeta` attrici kien ta` **<u>appalt wiehed</u>** li kien jikkomprendi l-printing tal-posters, il-kiri tal-billboards u l-istallazzjoni, anke jekk fil-kors tal-kawza, il-konvenut ittenta jifred prestazzjoni minn ohra.

Din il-Qorti tqis li bejn il-partijiet kien hemm obbligazzjoni *di fare* <u>mhux</u> obbligazzjoni *di dare.* [ara : Qorti tal-Kummerc – "**<u>George Camilleri vs Joseph Mamo noe</u>"** – 28 ta` Awissu 1951 – Kollez. Vol. XXV.III.639 **; "<u>George Vassallo vs Lawrence Fenech et noe</u>"** – 26 ta` April 1988 ; u "**<u>Frederick Micallef noe et vs May Sullivan</u>**" – 22 ta` Novembru 2002 - Appell Inferjuri].

Tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, partikolarment tal-obbligazzjoni naxxenti mir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet, din il-Qorti tqis illi l-preskrizzjoni skond l-Art 2148(a) tal-Kap 16 mhijiex applikabbli ghall-kaz tal-lum.

**Billi l-preskrizzjoni eccepita skond l-Art 2148(a) tal-Kap 16 mhijiex applikabbli ghall-kaz tal-lum, it-tieni eccezzjoni qeghda tkun michuda.**

**2) <u>It-tielet eccezzjoni</u>**

Bit-tielet eccezzjoni, il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-**<u>Art 2148(f) tal-Kap 16</u>**. Id-disposizzjoni tittratta dwar *l-azzjonijiet ta' kull persuna, għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli.*

Tenut kont tar-*raison d`etre* generali wara l-preskrizzjoni skond id-diversi paragrafi tal-Art 2148 tal-Kap 16 [inkluz il-paragrafu (f)], u meqjus dak li diga` rrilevat din il-Qorti fil-kaz tat-tieni eccezzjoni, hija tal-fehma konsiderata taghha illi fil-kuntest tal-assjem tar-relazzjoni li ghaddiet bejn il-partijiet, dak in kwistjoni ma kienx xi kaz izolat ta` kiri ta` billboards, izda, kif irrizulta, il-kiri

tal-billboards kien kompriz fl-appalt li kien kontrattat mill-konvenut mas-soicjeta` attrici. Ghalhekk lanqas l-Art 2148(f) tal-Kap 16 ma jghoddx ghall-kaz tal-lum.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u cioe` l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tichad it-tielet eccezzjoni tal-konvenut u cioe` l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art 2148(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha relattivi ghas-sentenza tal-lum.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**